# Istrument Amministrattiv li jistabbilixxi Reġistru ta' Persuni Kompetenti għall-Prattikanti tas-Saħħa u s-Sigurtà fuq Ix-Xogħol

AWTORITÀ GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IX-XOGĦOL
**Instrument Amministrattiv Nru. 01 ta' 2025 OHSA/ADMIN INST/01-2025**
*Ref. Tagħna: OHSA/ADMIN INST/01-2025 tal-4 ta' Marzu 2025*
*Preambolu*

*L-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq Il-Post tax-Xogħol (OHSA) qed toħroġ dan l-Istrument Amministrattiv b'konformità mal-mandat tagħha skont il-Kapitolu 646 tal-Liġijiet ta' Malta u speċifikament skont l-Artikolu 17 tal-Att dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol. Filwaqt li tirrikonoxxi r-rwol kritiku li persuni kompetenti jgħaddu biex jiggarantixxu s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xoghol, dan l-istrument jimmira li jistabbilixxi u jirregola lill-Prattikanti tas-Saħħa u s-Sigurtà fuq ta' ix-Xogħol (OHS practitioners) fir-Reġistru ta' Persuni Kompetenti. Dan l-istrument jispeċifika l-kwalifiki minimi meħtieġa qabel ma l-persuna tkun tista' tiddaħħal fir-reġistru sabiex jiżgura d-disponibbiltà ta' persuni kwalifikati biex jappoġjaw d-detentur ta' dmir. Ir-riżultati mistennija jinkludu titjib fis-sigurtà fuq ix-xoghol, żieda fir-responsabbiltà, u promozzjoni tar-rikonoxximent tal-professjoni fost persuni kompetenti reġistrati sabiex jiġi mwettaq kwalunkwe kompitu relatat mas-salvagwardja tas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol.*

## 1. Ċitazzjoni

Dan l-istrument jista' jiġi ċitat bħala l-Istrument Amministrattiv li jistabbilixxi Reġistru ta' Persuni Kompetenti għall-Prattikanti tas-Saħħa u s-Sigurtà fuq ta' ix-Xogħol.

## 2. Dħul fis-seħħ

Dan l-Istrument Amministrattiv jidħol fis-seħħ mill-4 ta' Marzu 2025.

## 3. Tifsir

"strument amministrattiv" tfisser tali strumenti skont l-artikolu 17 li huma meħtieġa sabiex jaqdu l-funzjonijiet tal-Awtorità u għandha tinkludi kwalunkwe ordni, direttiva, protokoll, linja gwida, memorandum ta' spjegazzjoni, ċirkolari ta' informazzjoni, inkluż avviżi, jew kwalunkwe pubblikazzjoni oħra maħruġa mill-Awtorità;

"Awtorità" tfisser l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol imwaqqfa bl-artikolu 4 tal-Att, Kapitolu 646;

"persuna kompetenti" tfisser persuna li jkollha kwalifiki adegwati u akkreditazzjonijiet minimi skont il-liġi jew fejn meħtieġ, kif stabbilit mill-Awtorità permezz ta' strumenti amministrattivi, taħriġ adegwat u għarfien suffiċjenti, esperjenza u ħila għat-twettiq sigur tal-kompitu jew xogħol speċifiku meħtieġ, u li tipprovdi pariri fir-rigward tal-miżuripreventivi u protettivi

meħtieġa li jittieħdu għas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol, u li isimha jidher fir-reġistru tal-persuna kompetenti amministrat jew xort'oħra delegat mill-Awtorità fir- rigward ta' tali kwistjonijiet li huma regolati mill-Awtorità;

"detentur ta' dmir" tfisser kwalunkwe persuna li għandha dmir jew obbligu li twettaq u, jew ir-responsabbiltà li tiżgura li jitwettaq dmir jew obbligu bis-saħħa ta' xi rekwiżit ta' dan l-Att jew ta' leġiżlazzjoni sussidjarja, u għandha tinkludi, skont il-każ, prinċipal, persuna li taħdem għal rasha, ħaddiem, klijent, superviżur tal-proġett għal kwistjonijiet ta' saħħa u sigurtà, maniġer b'responsabilità ta' ħaddiema, superviżur b'responsabilità ta' ħaddiema,HSRO u kwalunkwe persuna oħra li lilha dan l-Att jew kwalunkwe leġiżlazzjoni sussidjarja magħmula taħtu jassenjaw dmir jew responsabbiltà;

"Tribunal" tfisser it-Tribunal għas-Saħħa u s-Sigurtà mwaqqaf bl-artikolu 23 tal-Att, Kapitolu 646.

## 4. Applikabbilità u Għan

Dan l-Istrument Amministrattiv għandu jkollu s-saħħa tal-liġi bil-għan li jistabbilixxi r-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni tal-Prattikanti tas-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol fir-Reġistru ta' Persuni Kompetenti, kif stabbilit fl-Artikolu 17 tal-Att dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol, Kapitolu 646 tal-Liġijiet ta' Malta ("l-Att").

## 5. Dispożizzjoni Ġenerali

Ir-Reġistru tal-Persuni Kompetenti huwa stabbilit permezz ta' dan l-Istrument Amministrattiv maħruġ mill-Awtorità skont il-liġi. Ir-reġistrazzjoni tal-prattikanti elenkati u ppubblikati f'dan ir-Reġistru hija konferma li tali persuna kisbet il-kompetenzi u l-kapaċitajiet meħtieġa biex tassisti detenturi ta' dmir fil-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol, kif ukoll fil-prevenzjoni u l-kontroll tar-riskji okkupazzjonali, kif mitlub mill-Att, Kapitolu 646 u l-Leġislazzjoni Sussidjarja tiegħu.
L-Awtorità ma għandhiex responsabbiltà għall-azzjonijiet ta' persuni kompetenti rreġistrati. Ir-Reġistru jservi biss bħala gwida għad-detenturi ta' dmir fl-identifikazzjoni ta' persuni kompetenti skont ir-rekwiżiti tal-liġi.
Dan mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe persuna oħra li hija meqjusa bħala persuna kompetenti skont il-liġi.

## 6. Rekwiżiti għar-Reġistrazzjoni

Biex jiġi inkluż fir-Reġistru ta' Persuni Kompetenti, il-Prattikant tas-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol għandu, fid-data tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni, jipprovdi u jissodisfa l-kriterji kollha li ġejjin: evidenza tas-segwenti:

a. Ikunu ċittadini ta' Malta jew ta pajjiż fl-Unjoni Ewropew jew residenti ta' Malta li ottjenew il-permessi neċessarji għal dan il-għan mill-Awtoritajiet konċernati, kif ukoll konferma bil-miktub li huma reġistrati mal-Jobsplus mill-istess Agenzija.

b.Kwalifika Akkademika: Kwalifika ċċertifikat miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni (MQRIC) f'livell minimu ħamsa (5) (60 krettu ECTS) jew ogħla fis-suġġett tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol,

c. Esperjenza u Kompetenza: Minn tal-inqas b'sentejn (2) esperjenza u kompetenza prattika fis-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xoghol, mid-data li l-persuna ikun ikkwalifika.Tali prova għandha tkun waħda il-miktub u verifikabbli.
d. Kompetenza fil-Lingwa Maltija u/jew Ingliża.
e. Ċertifikat tal-Kondotta tal-Pulizija – Fil-każ ta' Ċertifikat ta' Malta, dan għandu jkun maħruġ fl-aħħar sitt (6) xhur mid-data tal-applikazzjoni hekk kif pprovdut mill-Liġi Maltija kif viġġenti dakinhar tal-applikazzjoni għaċ-Ċertifikat tal-Kondotta u nadifa minn kwalunkwe ksur relatat mal-professjoni u mal-leġislazzjoni tas-Saħħa u s-Sigurtà u fuq Ix-xogħol (OHS).

(i) Ċittadin ta' pajjiż terz għandu, flimkien mar-rekwiżiti speċifikati fil-klawsola (e) fir-rigward taċ-Ċertifikat tal-Kondotta tal-Pulizija ta' Malta, jipprovdi wkoll Ċertifikat tal-Kondotta awtentikat maħruġ mill-pajjiż ta' oriġini tiegħu.

(ii) L-iskambju ta' informazzjoni bejn Malta u Stati Membri oħra, estratta mir-rekords kriminali li jikkonċernaw persuni fiżiċi huwa rregolat mil-Leġislazzjoni Sussidjarja 77.01 - Regolamenti dwar L-Organizzazzjoni u l-Kontenut tal-Iskambju ta' Informazzjoni Estratta mir-Rekords Kriminali bejn Malta u Stati Membri oħra.

f. Li l-isem ma jidhirx fir-Reġistru tal-Multi Amministrattivi u ta' Kompromess fuq is-sit elettroniku tal-Awtorità.
g. Applikanti li għandhom kwalifika barranija jkunu meħtieġa jtemmu b'suċċess kors ta' taħriġ dwar il-Liġi tas-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-xogħol f'Malta u l-kuntest lokali, kif rikonoxxut mill-Awtorità.
h.Dokumentazzjoni ta' rikonoxximent:

i.Kopja awtentikata taċ-ċertifikat tal-kwalifikaii.
ii. Ċertifikat ta' ekwivalenza li jikkonferma n-numru ta' ECTS (jekk applikabbli).
iii. *Curriculum Vitae* (CV) aġġornata.
iv. Dokumenti li jagħtu xhieda ta' sentejn esperjenza.

## 7. Provediment ta' Eżenzjoni

Persuni li ma jilħqux il-kriterji ta' kwalifika stabbiliti, għad-dispożizzjoni tkun offruta klawsola ta' eżenzjoni, suġġetta għas-sodisfazzjon tar-rekwiżiti segwenti kollha:

a. Ikollhom il-kwalifika ta' diploma ta' livell 5, li ghandha anqas minn 60 krettu ECTS.
b. Ħames snin ta' esperjenza verifikabbli fil-qasam tas-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol.
c.Kondotta ta' Malta u nadifa minn kwalunkwe ksur, relatat mal-professjoni u mal-leġislazzjoni tas-Saħħa u s-Sigurtà u fuq Ix-xogħol (OHS).

Il-perjodu tal-applikazzjoni għal provediment ta esenzjoni hawn fuq imsemmi jitermina f'żmien tliet xhur mid-data ta meta jidħol fis-seħħ dan l-Istrument Amministrattiv.

## 8. Eliġibilita' b'mod awtomatiku

Individwi diġà elenkati fir-Reġistru ta' Persuni Kompetenti eżistenti se jkunu eleġibli għar-

reġistru l-ġdid. It-tiġdid se jingħata lil dawk li jesprimu interess fi żmien tlett xhur mid-data li fiha dan l-Istrument Amministrattiv jidħol fis-seħħ.

**9. Livell ta' Prestazzjoni**

Prattikanti tas-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-xogħol reġistrati fir-Reġistru ta' Persuni Kompetenti stabbilit għandhom jaderixxu mal-istandards li ġejjin:

a. Jipprovdu pariri f'ħin, preċiżi u effettivi dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xoghol skont il-ligijiet viġenti.
b.Jipproteġu l-kunfidenzjalità ta' dejta relatata mal-obbligati u informazzjoni sensittiva.
c. Jiżguraw li d-dokumentazzjoni kollha ppreparati minnhom, l-evalwazzjonijiet tar-riskji u r-rakkomandazzjonijiet tas-sigurtà jkunu konformi ma' livelli legali u tekniċi.
d. Jiffirmaw u jaderixxu ma' Kodiċi ta' Kondotta Professjonali jew Kodiċi ta' Etika, skont kif applikabbli.
e. Jieħdu sehem f'reviżji jew sessjonijiet ta' feedback perjodikament kif mitlub mill-Awtorità.

**10. Monitoraġġ u Verifiki ta' Konformità**

L-Awtorità għandha s-setgħa twettaq verifiki regolari fuq individwi reġistrati bħala Persuni Kompetenti biex tiżgura:

a. Adesjoni mal-istandards ta' prestazzjoni stabbiliti f'dan l-istrument amministrattiv.
b. Twettiq preċiż u effettiv ta' servizzi lid-detenturi ta' dmir, kif rekwiżit mill-Kapitolu 646 u l-leġislazzjoni sussidjarja tiegħu.

Nuqqas ta' konformità ma' dawn l-obbligi jista' jirriżulta fis-sospensjoni jew tneħħija mir-Reġistru.

**11. Trasparenza u Responsabbiltà**

Biex tiġi promossa t-trasparenza u r-responsabbiltà, l-Awtorità se tippubblika Reġistru ta' Persuni Kompetenti aġġornat fuq is-sit elettroniku tagħha.

**12. Sottomissjoni tal-Applikazzjonijiet**

L-applikazzjonijiet kollha għandhom jiġu sottomessi esklussivament permezz tal-formola elettronika ddedikata u disponibbli fuq is-sit elettroniku uffiċjali, permezz tal-link ipprovdut.

**13. Spejjeż Amministrattivi**

a. **Ħlas għall-Applikazzjoni Inizjali**

Huwa meħtieġ ħlas ta' €100 li mhix rimborsabbli, għall-ipproċessar u r-reġistrazzjoni ta' kull applikazzjoni inizjali. Hija applikabbli għall kull applikazzjoni, inkluz dawk sottomessi taħt il-klawsola tal-grandfather u dawk li huma awtomatikament eliġibli.

b. **Ħlas għall-Applikazzjoni Annwali ta' Tiġdid:**

Ħlas annwali ta' €75 li mhix rimborsabbli japplika biex jinżamm l-istatus attiv, sakemm tinżamm kondotta nadifa minn kwalunkwe ksur relatat mal-professjoni u mal-

leġislazzjoni tas-Saħħa u s-Sigurtà u fuq Ix-xogħol (OHS) u l-isem tal-applikant ma jidhirx fir-Reġistru tal-Multi Amministrattivi u ta' Kompromess fuq is-sit elettroniku uffiċjal tal-OHSA flimkien ma' kwalunkwe kundizzjonijiet fis-seħħ dak iż-żmien.

### 14. Proċess ta' Appell u Reviżjoni

Applikanti jew reġistranti li mhumiex sodisfatti bid-deċizjonijiet meħuda mill- Awtorità dwar ir-reġistrazzjoni, jew deċizjonijiet oħra li jirriżultaw minn dan l-Istrument Amministrattiv, jistgħu jappellaw quddiem it-Tribunal kif stabbilit skont l-Artikolu 23 tal-Att, fi żmien 20 ġurnata tax-xogħol. Skont il-proċedura stabbilità mit-Tribunal.

### 15.Provvedimenti Ulterjuri

L-Awtorità tista, minn żmien għal żmien, tvarja, tistabbilixxi aktar kondizzjonijiet, proċeduri, rekwiżiti, tibdil, limitazzjonijiet, jew emendi oħra neċessarji f'l-istrument vinkolanti li jirregola r-Reġistru tal-Persuni Kompetenti, jekk l- Awtorità jidhrilha li dan ikun neċessarju.

### 16.Provediment għall Protezzjoni tad-Data

Id-data personali kollha miġbuta skont dan l-Istrument Amministrattiv se tiġi pproċessata skont ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR) (Regolament tal-UE 2016/679) u l-liġijiet lokali applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data, inkluż l-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data (Kapitolu 586 tal-Liġijiet ta' Malta).

L-isem, il-kunjom, id-data tar-reġistrazzjoni, u n-numru ta' reġistrazzjoni tar-reġistrant se jiġu ppubblikati fir-Reġistru tal-Persuni Kompetenti, li se jkun disponibbli fuq is-sit elettroniku uffiċjali tal-OHSA għal skopijiet amministrattivi leġittimi. Barra minn hekk, id-dettalji ta' kuntatt tar-reġistrant se jiġu ppubblikati fir-reġistru biss bil-kunsens espliċitu tar-reġistrant, skont ir-rekwiżiti tal-GDPR għal kunsens mogħti liberament, speċifiku, informat, u mhux ambigwu. Ir-reġistranti għandhom id-dritt li jaċċessaw, jikkoreġu, jħassru, jirrestringu l-ipproċessar ta' jew jopponu l-ipproċessar tad-data personali tagħhom, kif ukoll id-dritt għal portabbiltà tad-data, kif preskritt mil-liġi. Miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa se jiġu implimentati biex tiġi żgurata l-kunfidenzjalità, l-integrità, u s-sigurtà tad-data personali. Għal aktar dettalji jew biex teżerċitaw id-drittijiet tagħkhom ta' protezzjoni tad-data, ir-reġistranti jistgħu jikkuntattjaw lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data (DPO) tal-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, 17, Triq Edgar Ferro, Pietà, PTA 1533, jew bit-telefon fuq (+356) 138 jew bl-email fuq gdpr@ohsa.mt.

**Iffirmat minn:**

Dr Josianne Cutajar
Kap Eżekuttiv
Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol (OHSA)